MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 32/2002/1

Alfred Saliba f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-imsefrin Maria mart Joseph Farrugia, Joseph, Frank u Vincent ahwa Saliba; Carmen armla ta' Lawrence Bonnici f'isimha u bhala mandatarja ta' l-imsiefer Louis Saliba, Antonia mart Carmelo Cini

Vs

Rita mart Fortun Zammit

Il-Qorti;

Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-gid li jifforma parti mill-wirt ta' Paul u Angele konjugi Saliba, cjoe' l-genituri taghhom. L-atturi ppremettew li fit-13 ta' Marzu 1984 mietet Angele Saliba, mart Paul Saliba filwaqt li fis-27 ta' Marzu 1984 miet zewgha Paul Saliba.

Is-successjoni tad-decujus hi regolata minn testment li sar fl-atti tan-nutar Emmanuel George Cefai fit-3 ta' Ottubru 1977 li permezz tieghu hallew terz indiviz mir-raba' Ta' Kola fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex lil binhom Giusepp Saliba, filwaqt li nnominaw lill-kontendenti bhala werrieta universali taghhom f'sehem ugwali ta' parti minn disgha (1/9).

L-atturi talbu li l-qorti:

1. Tillikwida l-assi konjugali ta' Paul u Angele konjugi Saliba.
2. Taqsam l-assi f'zewg kwoti ugwali u tassenja nofs lill-wirt ta' Paul Saliba u nofs lill-wirt ta' Angele Saliba.
3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Paul Saliba billi jigi dikjarat li jikkomprendi n-nofs tal-akkwisti konjugali u dak li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Angele Saliba billi jigi dikjarat li jikkomprendi n-nofs tal-akkwisti konjugali u dak li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
5. Tippreleva llegat imholli lil Guzepp Saliba, u timmittih fil-pussess ta' l-istess.
6. Taqsam l-assi ta' Paul Saliba f'disgha (9) kwoti li jigu assenjati bix-xorti jew altriment, wahda kull wiehed lill-atturi u lill-konvenuta u tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni kemm-il darba ma jkunux kommodament divizibbli.
7. Wara li jsiru l-konferimenti skond il-ligi, taqsam l-assi ta' Angele Saliba f'disgha (9) kwoti li jigu assenjati bix-xorti jew altriment, wahda kull wiehed lill-atturi u lill-konvenuta u tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni kemm-il darba ma jkunux kommodament divizibbli.
8. Tinnomina ghal finijiet fuq premessi perit sabiex jaghmel pjan ta' qasma u jaghmel stima tal-proprjeta', nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv fil-jum u lok li tistabilixxi fis-sentenza, u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fil-15 ta' Mejju 2002 (fol. 30) il-konvenuti eccepew:

1. L-atturi ghandhom jippruvaw il-mandat minghand huthom: Alfred Saliba ghandu jipprova l-mandat ta' l-imsefrin Maria mart Joseph Farrugia, Joseph, Frank u Vincent ahwa Saliba, u Carmen armla ta' Lawrence Bonnici ghandha tipprova l-mandat ta' l-imsiefer Louis Saliba.
2. Il-konvenuta qatt ma opponiet li ssir divizjoni diment li jigu verifikat l-kwoti u l-konsistenza ta' l-assi tal-partijiet, inluz l-Encroachment minghand il-Gvern ta' Malta numru 2794.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel eccezzjoni hi bla bazi. L-atturi taw prova tal-prokura li ghandhom (fol. 21-24 u fol. 57).

2. Il-kontendenti huma disat (9) ahwa li twieldu fiz-zwieg bejn Paul u Angiolina konjugi Saliba. Paul Saliba miet fis-27 ta' Marzu 1984 (fol. 7) filwaqt li Angiolina Saliba mietet fl-14 ta' Marzu 2984 (fol. 6). Il-wirt tal-konjugi Saliba hu regolat minn testment li sar fit-3 ta' Ottubru 1977 fl-atti tan-nutar Emanuel George Cefai (fol. 19) li permezz tieghu nnominaw lil uliedhom bhala werrieta universali. B'legat hallew lil binhom Giusepp Saliba t-terz indiviz tar-raba' msejjah Ta' Kola, limiti taz-Zebbug, Ghawdex b'kejl ta' cirka sitt kejliet.

3. Il-gid identifikat mill-perit tekniku ghal finijiet ta' din il-kawza hu s-segwenti:-

(a) 88A, Triq Skappucina, Zebbug, Ghawdex b'mandretta annessa u stmat ghall-valur ta' €237,596;
(b) Art fabbrikabbli Ta' Kola, Zebbug, Ghawdex;

(c) Raba’ Tal-Hamja, Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 1,284 metri kwadri stmata ghall-valur ta’ €3,494[1];
(d) Raba’ tal-Mungitur, Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 3,882 metri kwadri stmata ghall-valur ta’ €20,964,36[2]. Din il-porzjon raba’ tmiss min-naha ta’ nofsinhar ma’ Triq Ghajn Melel.
(e) Raba’ ta’ Cejla, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 562 metri kwadri stmata ghall-valur ta’ €1,164.69[3].
(f) Porzjon art tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ 1,681.5 metri kwadru stmata ghall-valur ta’ €3,494.06[4].
(g) Zewg bicciet art Tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 1,100 metri kwadru stmata ghall-valur ta’ €2,329.37[5].

Skond il-perit tekniku r-raba’ qeghda kollha barra z-zona ta’ zvilupp.

Mill-atti jirrizulta li l-art Ta’ Kola, Zebbug, Ghawdex m’ghadix oggett ta’ dawn il-proceduri. Permezz ta’ **kuntratt li sar fit-23 ta’ Ottubru 2007 fl-atti tan-nutar Maria Vella Magro**, Joseph Saliba rcieva b’donazzjoni minghand hutu l-ohra s-sehem li kienet tispetta lilhom minn din l-art. Tant hu hekk li fil-kuntratt jinghad:-

*“Fit-Tieni lok u bis-sahha ta’ dana l-istess at id-Donaturi qeghdin jiddikjaraw illi issa li huma taw b’titolu ta’ donazzjoni s-sehem spettanti lilhom mill-porzjon art imsemmija fl-ewwel lok ta’ dana l-att, issa m’ghad baqghalhom l-ebda pretensjoni ta’ kwalunkwe natura kontra l-akkwirent jew xulxin fuq il-porzjon art bil-kejl ta’ cirka mija u wiehed u sittin metri kwadri (161mk) fi Triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex konfinanti l-porzjon art kollha mill-lvant ma’ Triq Ghajn Mhelel, punent ma’ beni tal-werrieta ta’ Auxilio Saliba jew l-aventi kawza u*

[1] Pjanta Dok. AS12.
[2] Pjanta Dok. AS13.
[3] Pjanta Dok. AS14.
[4] Pjanta Dok. AS15.
[5] Pjanta Dok. AS16.

*tramuntana mal-werrieta ta' Toni Vella u minn nofsinhar ma' beni ta' Alfred Saliba.....".*

Dan kollu jfisser li din l-art m'ghadhiex il-mertu ta' din il-kawza, u ghalhekk id-dikjarazzjoni li saret mid-difensur ta' l-atturi (seduta tad-19 ta' Jannar 2007) li *"...jaqbel mal-konvenuta Zammit li l-art Ta' Kola tigi assenjata lill-imsiefer Joe Saliba akkont ta' sehmu."*, m'hijiex iktar flokha. Kienet flokha l-osservazzjoni li ghamel Dr Albert Camilleri ghall-konvenuta (seduta tal-24 ta' Ottubru 2008) li *".....b'riferenza ghall-porzjon art Ta' Kola, Zebbug, Ghawdex sar kuntratt ta' donazzjoni fit-23 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro u fl-imsemmi kuntratt ma jinghadx illi l-art assenjata lil Joseph Saliba nghatat bhala akkont ta' sehmu, ghalhekk din il-proprjeta' llum m'ghandhiex tifforma oggett tad-divizjoni."*.

Hemm ukoll ghar (*boathouse*) fi Xwejni Ghawdex, proprjeta' tal-Gvern u moghtija b'*encroachment* (numru 2794). Il-konvenuta ssostni li dan il-jedd ghandu jibqa' komuni bejn il-kontendenti u *"....l-Qorti ghandha tistabilixxi kif ghandhu jigi uzat bejniethom." (fol. 48)* ghaliex id-dritt *"....jintiret bhala kwalunkwe dritt iehor."* (fol. 48). Skond dokument li hemm fl-atti[6], datat 3 ta' Awwissu 1932, jinghad li kien qieghed jinghata permess (minn *Treasurer and Director of Contracts*) lil Paolo Saliba ta' 47, Strada Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex sabiex jiskava *"...a recess in the rock to be used as a boat shelter at Xuieni Bay, Gozo.....under the following conditions."*, fosthom li jhallas *"...a recognition fee of 5s/- per annum in advance."*. F'dan id-dokument ma tissemma l-ebda kondizzjoni li Paul Saliba ma setax jghaddi d-dritt lill-haddiehor. Inoltre, bi skrittura li saret fl-14 ta' Frar 1984 missier il-kontendenti kien ftehem ma' ibnu Alfred Saliba li: *".....il-komparenti Pawlu Saliba qieghed jcedi il-permess tieghu tat-thaffir u okkupazzjoni tal-art li qieghed tigi uzata bhala "boat shelter" fix-Xwejni, limiti taz-Zebbug, Ghawdex (Encroachment number: 2794)."* (fol. 58). Fir-rapport tal-perit tekniku jinghad li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2006 il-kontendenti qablu li ***".... ghal fini tar-rapport il-perit***

[6] Ezebit mix-xhud Twanny Catania.

***tekniku ma ghandux jaghmel ebda stima jew xoghol iehor fuqu u ghalhekk ihallih barra mir-rapport tieghu hlief li jindika fir-rapport li hemm dak l-ghar 'on encroachment terms' biex tiddecidi l-Qorti kif u minn min ghandu jigi wzat."***. F'seduta li ghamel il-perit tekniku fil-21 ta' Ottubru 2005 kien xehed Twanny Catania, ufficjal tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, li ddikjara li d-Dipartiment ma kienx irrikonoxxa l-ftehim li kien sar bejn Paul Saliba u ibnu Alfred Saliba peress li *".....skond il-policies tad-dipartiment l-ebda "encroachment" ma huwa trasferibbli."*. Hu fatt maghruf li ftehim ta' *encroachment*:-

- Jaghti drittijiet ta' natura personali;
- Jinghata bi pjacir tal-Gvern, fis-sens li jista' jitwaqqaf f'kull zmien;
- Normalment ikun soggett ghal kondizzjoni espressa li l-koncessjonarju ma jistax jittrasferixxi l-koncessjoni lil terzi;

M'hemmx dubju li l-ftehim bejn Paul Saliba u ibnu Alfred Saliba hu *res inter alios acta* ghall-Gvern. Skond l-Att ta' l-1976 (Att nru: XXXIII ta' l-1976) dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, art li hi tal-Gvern jew amministrata mill-Gvern ma tistax tigi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skond il-kondizzjonijiet kontemplati mill-istess ligi. Skond l-Artikolu 2, trasferiment tinkludi *"....kull kirja, jew encroachment jew jedd iehor ta' uzu kif ukoll kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha."*. Meta trasferiment ta' art isir mhux skond xi wahda mid-disposizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 3, dak it-trasferiment ikun **null u bla effett** (Artikolu 4). Il-Qorti hi tal-fehma li l-ftehim li sar bejn il-missier u Alfred Saliba ma jista' jkollu l-ebda effett in kwantu kien qieghed jaghtih jeddijiet fuq proprjeta' tal-Gvern minghajr ma gew sodisfatti l-kondizzjonijiet kontemplati mil-ligi. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qieghed jippretendi Alfred Saliba, il-qorti m'hijiex tal-fehma li tista' taghti effett lill-ftehim tal-14 ta' Frar 1984. Min-naha l-ohra, lanqas mhi tal-fehma li ghandha tghid li l-werrieta ghandhom id-dritt li jkomplu jgawdu l-proprjeta' tal-Gvern u tistabilixxi modalitajiet ta' kif ghandha titgawda, ghaliex b'dan il-mod tkun qeghda taghti drittijiet personali fuq art tal-Gvern. Ma

jistax isir paragun ma' kiri ta' proprjeta' tal-Gvern in kwantu f'dak il-kaz hemm ligijiet specjali li jirregolaw x'ghandu jsir. Sahansitra wara l-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att numru XIV ta' l-1999 trasferiment sar jinkludi wkoll *"it-tigdid ta' kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha, sew jekk tacitu jew espress b'pattijiet u kondizzjonijiet godda.........."*. Fic-cirkostanzi l-qorti ser thalli mpregudikata s-sitwazzjon dwar il-*boathouse* in kwantu qeghda tasal ghal konkluzjoni li d-dritt ta' *encroachment* fuq art tal-Gvern hu, b'applikazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, intrasmissibbli.

Dwar il-fond **88A, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex** hemm qbil li m'huwiex kommodament divizibbli bejn il-werrieta u li dan ghandu jinbiegh b'licitazzjoni. Il-perit tekniku rrelata li l-valur ta' dan il-fond hu ta' mitejn u sebgha u tletin elf hames mija u sitta u disghajn euro (€237,596). Ghal kull buon fini l-qorti issemmi li b'kuntratti tal-31 ta' Dicembru 1996 u 11 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani, l-atturi ttrasferew lil huhom Alfred Saliba s-sehem taghhom fl-imsemmi fond. Fis-seduta tad-9 ta' Awwissu 2002 l-attur Alfred Saliba qal: *"Nghid li ghar-rigward tal-post no. 88A, Skapuccina Str., Zebbug, jiena xtrajt sebat ishma u ghalhekk flimkien mas-sehem li jien writ ghandi 8 porzjonijiet minn 9 ta' dan il-fond."*.

Fir-rigward tar-raba' Tal-Hamja, Zebbug, Ghawdex; tal-Mungitur, Zebbug, Ghawdex; ta' Cejla, limiti Zebbug, Ghawdex; u tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex, il-perit tekniku hejja pjan ta' divizjoni bejn id-disat ahwa. Skond l-istess perit il-proprjeta' hi kommodament divizibbli. Ghalkemm jidher li hemm xi partijiet li jixtiequ li jircievu s-sehem taghhom fi flus (l-atturi Frank Saliba, Joseph Saliba u Maria Farrugia), il-qorti m'hijiex sodisfatta li hemm il-kunsens bejn il-kondividenti kollha. Madankollu u f'kull kaz l-atturi jidher li kollha qeghdin jaqblu ma' dak li ppropona l-perit tekniku, tant li rrimettew ruhhom ghar-rapport tieghu[7]. Min-naha tal-konvenuta, ma jidhirx li

[7] Seduta tad-19 ta' Jannar 2007.

qeghda topponi li r-raba' tinqasam bejn l-ahwa (f'dan il-kuntest ara n-nota prezentata fil-25 ta' Lulju 2003 – fol. 48). Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2005 li saret quddiem il-perit tekniku, gie verbalizzat li: ***"Il-partijiet jiddikjaraw li l-ftehim li kien sar originalment illi r-raba jinqasam bejn sitta flok bejn disgha spicca peress illi dak il-ftehim kien abbazi tal-valur tal-fondi ta' dak in-nhar li kien sar il-ftehim. In vista ta' dan il-perit tekniku irid jaqsam il-fondi li hemm divizibbli bejn 9 u mhux bejn 6."***. Ir-raba' ghandha tinqasam bejn il-partijiet bil-mod kif spjega l-perit tekniku fir-rapport li pprezenta fis-7 ta' Lulju 2006 u kif murija fil-pjanti Dok. AS12, AS13, AS14, AS15 u AS16, u tigi assenjata lill-kondividenti permezz tax-xorti. B'dan il-mod ghandu jkun hemm disgha (9) porzjonijiet li jkunu s-segwenti:

- **Porzjon numru wiehed (1)** – plot numru 1 mill-art tal-Mungitur kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru tnejn (2)** – plot numru 2 mill-art tal-Mungitur kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru tlieta (3)** – plot numru 3 mill-art tal-Mungitur, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru erbgha (4)** – plot numru 4 mill-art tal-Mungitur, limiti Zebbug, Ghawdex kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru hamsa (5)** – plot numru 5 mill-art tal-Mungitur, Zebbug, Ghawdex kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru sitta (6)** – plot numru 6 mill-art tal-Mungitur, limiti Zebbug, Ghawdex kejl ta' 647 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS13 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru sebgha (7)** – porzjon art tal-Hamija, limiti Zebbug tal-kejl ta' 1284 metri kwadru (ara

pjanta Dok. AS12 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).

- **Porzjon numru tmienja (8)** – porzjon art tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' 1,681 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS15 annessa mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi).
- **Porzjon numru disgha (9)** – porzjon art tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' 1,100 metri kwadru u porzjon art Ta' Cejla, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' 562 metri kwadru (ara pjanta Dok. AS16 u AS14 annessi mar-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi)

F'dan ir-rigward m'hemmx ekwiparazzjoni x'tithallas.

Ghal dak li huma mobbli, mill-provi ma rrizultax li hemm x'jinqasam[8] hlief ghal bilanc minn somma flus li l-attur Alfred Saliba qal li ghandu fil-pussess tieghu[9]. Fl-1 ta' Ottubru 2003 l-atturipprezenta prospett tal-flus li kien hemm id-dar fejn jinghad li l-bilanc kien ta' erbat elef u tlieta u hamsin euro u hdax-il centezmu (€4,053.11)[10], minn liema ammont tnaqqsu l-ispejjez. Fis-seduta tat-23 ta' Awwissu 2002 kien xehed li s-somma ta' flus li kellu kienet ta' erbat elef mija u tnejn u disghajn euro u sebgha u tmenin centezmu (€4,192.87)[11]. Spjega wkoll kif minn dan l-ammont kien hallas ammonti ta' flus li kienu spejjez relatati mal-eredita' tal-genituri tal-kontendenti (ara prospett a fol. 59 u d-dokumenti annessi – fol. 61-105). F'dik l-istess seduta kien esebixxa prospett (Dok. AS19) fejn jidhru cifri li qeghdin jirreferu ghal spejjez u li jissemmew ukoll fil-prospett li jinsab a fol. 59. Imbaghad Dok. AS21 hi kopja ta' dikjarazzjoni li pprezenta l-istess attur fejn jinghad ***"..... Alfred Saliba qed inzomm elf seba mija u erbghin lira (Lm1,740) t'ommi u missieri."***. Hdejn ic-cifra hemm ukoll is-somma ta' Lm60, u l-qorti qeghda tifhem li kien ghalhekk li l-attur Alfred Saliba

---

[8] Raymond Zammit (iben il-konvenuta) xehed li l-mobbli kienu nqasmu bejn il-kontendenti u kullhadd kuntent bil-mod kif saret il-qasma.

[9] Seduta tad-9 ta' Awwissu 2002: *"Kien hemm ukoll xi flus kontanti li minnhom jien hallast diversi debiti tal-wirt u nipprometti li f'seduta ohra nissottometti rendikont dwar l-istess."*.

[10] Ekwivalenti ghal Lm1,740.

[11] Ekwivalenti ghas-somma ta' Lm1,800.

xehed li ghandu €4,192.87[12]. Wara li l-qorti rat id-dokumenti u ghandha dubju fuq certu spejjez li l-attur qieghed ighid li ghamel[13], tiddikjara li l-ispejjez li qeghda taccetta li saru mis-somma ndikata huma fl-ammont ta' elf sitt mija u erbgha u ghoxrin euro u tmintax-il centezmu (€1,624.18)[14]. Il-bilanc ta' elfejn hames mija u tmienja u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€2,568.69)[15] ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-kontendenti, cjoe' mitejn u hamsa u tmenin euro u wiehed u erbghin centezmu (€285.41)[16] kull wiehed.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet ta' l-atturi u taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

2. Tillikwida l-gid tal-genituri tal-kontendenti, il-mejtin Paul u Angela konjugi Saliba, fis-segwenti:-

(a) 88A, Triq Skappucina, Zebbug, Ghawdex;
(b) Raba' tal-Hamja, Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 1,284 metri kwadru;
(c) Raba' tal-Mungitur, Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 3,882 metri kwadru;
(d) Raba' ta' Cejla, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 562 metri kwadru.
(e) Zewg bicciet raba' Tal-Wizna, limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 1,100 metri kwadru.
(f) Is-somma ta' elfejn hames mija u tmienja u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€2,568.69).

3. Tordna li l-fond 88A, Triq Skappucina, Zebbug Ghawdex inkluz l-art annessa mieghu jinbieghu b'licitazzjoni in kwantu m'huwiex kommodament divizibbli u kull parti ghandha tircievi s-sehem mir-rikavat skond il-kwota spettanti lilha mill-wirt. Ghal fini ta' stima taddotta l-

---

12 Lm1,800.

13 Ezempju spejjez relatati ma' hlas ta' licenzja ta' senter wara li kien diga' miet il-miet u kontijiet ghall-konsum ta' dawl u ilma wara l-mewt tal-genituri.

14 Ekwivalenti ghal Lm697.26.

15 Ekwivalenti ghal Lm1,102.74.

16 Ekwivalenti ghal Lm285.41.

istima li hejja l-perit tekniku Joseph Mizzi, fis-somma ta’ mitejn u sebgha u tletin elf hames mija u sitta u disghajn euro (€237,596).

4. Tiddikjara li l-immobbli l-ohra (ir-raba’ hawn fuq imsemmija) hi kommodament divizibbli bejn il-kontendenti u ghalhekk tordna li tinqasam bejniethom bil-mod spjegat fil-parti tal-motivazzjoni ta’ din is-sentenza (li ghandha titqies bhala parti integrali mid-dispozittiv ta’ din is-sentenza), u l-porzjonijiet ghandhom jigu assenjati bit-tlugh tax-xorti.

5. Tordna lill-attur Alfred Saliba sabiex ihallas lill-kontendenti l-ohra s-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin euro u wiehed u erbghin centezmu (€285.41) kull wiehed bhala sehemhom mill-flus li baqa’ mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti.

6. Ghal kull buon fini tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lill-attur Giuzepp Saliba ta’ terz tar-raba msejjah Ta’ Kola, limiti taz-Zebbug, Ghawdex li tmiss mal-lvant ma’ Triq Ghajn Melel.

7. Tappunta lin-nutar Dr Christian Zammit sabiex jippubblika l-att relattiv (qasma tar-raba’ u immissjoni fil-pussess) u lill-avukat Dr Justyne Caruana sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci. It-tlugh tax-xorti u l-att relattiv ghandhom isiru **fl-14 ta’ Jannar 2009 f’12.00 p.m.** fil-bini tal-qorti, jew f’data u post iehor li tista’ tordna l-qorti wara li ssirilha talba permezz ta’ rikors.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża, u kif ukoll dawk marbutin mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ qasma, jinqasmu bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------